# Għar Gerduf Katakombi Nisrani?

minn
PAWLU MIZZI



Għar Gerduf, kif jidher illum minn barra. Ritratt bil-kortesija ta' Ċarm Attard (Għawdex)

Laqtuni l-osservazzjonijiet fil-korrispondenza (*l-orizzont*, 14 ta' Diċembru 1993) ta' Rev. Dr. Joseph Bezzina. U xtaqt li ngħin ftit lil min hu 'sajjem għal kollox mill-bibljografija ta' Għar Gerduf' biex min jikteb l-istorja ma jkollux għalfejn jagħmel ħafna *homework* u ma jibqax aktar 'jipperpetwa xi leġġenda'.

**'Għar Gerduf' minn dejjem kien ambjent misterjuż, kemm għall-istudjużi u kemm għall-bdiewa ta' dawk l-inħawi, u, bħal kull post ieħor misterjuż, inħolqu dwaru għadd ta' leġġendi. Għalhekk, ġieli sejħulu 'L-Għar tal-Mara l-Bajda', aktarx minħabba li fih, kienu jgħidu, tidher ruħ liebsa l-abjad, jew għax fost l-aħħar li kienu jgħammru fih kien hemm mara liebsa lbies abjad bħal dak li sal-lum għadhom jilbsu nisa bedwin Għarab; u ġieli sejħulu ukoll 'il-Ġnien ta' Biażi', minħabba li ċertu surġent Biasi darba kien dawru b'ħajt u għamlu ġnien għalih. Kien hemm żmien ukoll li kien jissejjaħ daqqa 'il-katakombi', u daqqa 'iċ-ċimiteru'.**

Għal min m'hux midħla tat-topografija ta' dawk l-inħawi, dan l-għar mhux faċli li jsibu. Dari kien jifforma parti mill-ħâra tal-Lunzjata, wied taħt ir-riħ tar-Rabat xi nofs mil 'il barra fil-Punent tal-kastell. Fih għejjun ta' ilma ġieri ma jaqta' qatt li jibqa' sejjer u jaqa' f'kaskata fil-*wied tax-Xlendi*. Sa nofs is-seklu XIV, il-wied kien għadu magħruf bħala *issaccaya*, u kien jinkludi fih ukoll dik il-parti ta' *Għar Gerduf*.

Iżda wara l-1347 meta l-kappella tal-Lunżjata benefiċċju lajkali, il-wied ħa isimha. Illum jagħmel mar-raħal *Ta' Kerċem*, u jista' jintlaħaq faċilment mit-triq ewlenija li mir-Rabat tieħu lejn dan ir-Raħal. Dari, iżda, dawk li kienu jżuruh, kienu aktarx jimxu għalih minn triq imħarbta *wara Santu Wistin*, jinżlu *n-niżla ta' Majru* u qabel ma jaqbdu *t-telgħa ta' Xuxa*, isibuh kważi ma' wiċċhom.

## Dokumentazzjoni

L-aktar dokumentazzjoni bikrija ta' *Għar Gerduf* aktarx hi dik ta' G.F.Abela fl-1647. Skond dan l-istoriku, l-għar kien wieħed mill-*Cripte antiche de' Sagri Cimiteri* fil-gżejjer Maltin. Manuskritt anonimu *Succinta Relazione dell'Isola del Gozo*, miktub fil-bidu tas-seklu XVIII, jiddiskrivih bħala '*cimitero sotterraneo*' li fih '*un corridore molto lungo, cavato nella pietra colle casse per deporvi i morti, ricavate dal sasso medesimo*' u li fil-ħajt kien hemm ukoll '*luoghi per deporvi i Bambini morti*'. Saż-żmien li fih kien inkiteb dan il-manuskritt, iżda, il-post tant kien imnaddaf li donnu li qatt ma kien sar dfin fih. G.P.Agius de Soldanis, madwar 70 sena wara, kiteb li 'fl-istess ġnien li fih hemm dan l-għar jidher zuntier ieħor, jew kif jgħidulu *dormitorju*, mgħammar bin-nies, u minna msejjaħ katakombi'. F'tarf is-seklu XVIII ċertu Comte Bourch, vjaġġatur Franċiż, li probabilment kien qara lil Abela u li f'tarf is-seklu XVIII żar 'l Għawdex fejn minħabba il-maltemp kellu jibqa' tlett ijiem, jirriferi għalih ukoll bħala 'katakombi'. L-istess opinjoni ġiet riptuta minn Mayr (1846). Kittieb ieħor Franċiż, Frederic Lacroix, li kien Malta fl-istess żmien, fil-monografija tiegħu *Malta ed il Gozo*, stampata fis-sitt ax-il volum ta' l-Enċiklopedija *L'Universo* (Venezia,1851), jgħid li 'fil-ġnien ta' Biasi, ħdejn ir-Rabat, hemm għar li fih hemm xi sittin qabar kull wieħed twil sitt piedi, kollha maqtugħa fil-ġebel.' Jiżgurana, iżda, li sa żmienu 'minn dak li baqa' ma jidher li kien hemm fl-oqbra disinni artistiċi'.

A.A.Caruana, fir-*Rapporto sulle Antichità Fenicie e Romane* (1882) jiddiskrivi *Għar Gerduf* bħala qabar Feniċju, u jgħid li kien wieħed minn dawk l-*isolated tomb-caves* li kien hemm *at a distance from early inhabited places*. Vassallo (1879) jaħsibha l-istess, waqt li Ferris (1856), Beker (1913), Zammit (1916), Ferrua (1953) u Borg (1975) ilkoll huma tal-fehma li d-daħliet fil-blat, għamla ta' oqbra, għandhom xejriet li jixbħu lil dawk ta' katakombijiet insara. Mario Buhagiar(1986) jgħid li llum, minħabba l-ħsarat u l-mutilazzjonijiet kbar li ġarrab dan l-għar, '*it is impossible to ascertain anything about it*'. Minkejja dan, iżda, Rev Dr. Jos. Bezzina xorta jħossu konvint li *Għar Għerduf* huwa tassew katakombi nisrani.

## Polemika Skolastika

Bla dubbju din il-konvinzjoni ta' Dr. Bezzina m'hix bażata fuq il-ħrejjef. Kważi mitt sena qablu Mons Giuseppe Farrugia iġib elf argument biex jipprova kemm dan *Għar Gerduf* kien verament katakombi nisrani. Fil-ktieb tiegħu, *San Paolo Apostolo e Padre dei Gozitani*, (Malta, 1915) ħaqqaqha sew ma' Padre Maestro Luigi M.Muscat ta' l-Agostinjani fuq hekk. U sostna li, minkejja dak kollu li qal qablu kemm-il darba Dr A.A.Caruana fil-*Monografie Critiche* tiegħu, *Għar Gerduf* huwa xhieda tanġibbli, għalkemm mhix prinċipali, li f'Għawdex id-drawwiet ta' dfin nisrani daħlu fl-istess żmenijiet li daħlu f'Malta.

Dan Padre Muscat fil-ktieb tiegħu *Antichità e Priorità del Convento di San Agostino della Notabile – Dissertazione Storico – Apologetiche* (Malta, 1913), stqarr bi stil polemikuż li Għawdex ma setax kien kristjanizzat qabel is-seklu IV jekk mhux fis-sekli ta' wara. U, biex isaħħaħ l-argument tiegħu, ikkritika lil Abela, lil Ciantar u lil Ferris li stqarrew li *ta' Gerduf* huwa ċimiteru nisrani ta' l-istess epoka tal-katabombijiet ta' Malta. Għar Gerduf donnu kien għal Mastru Muscat il-qofol tal-prova tal-Krisjtaneżmu fil-gżira, u biex ifarrak kull evidenza li setgħet twaqqa' t-teżi tiegħu, staqsa: 'Imma, kien tassew ċimiteru nisrani dan is-sotterran ta' *Għar Gerduf*?'

Biex iwieġbu għal din id-domanda tiegħu, Padre Muscat ipprova jiġbor kull dokumentazzjoni li sab taqdih. Fost kittieba oħrajn, ikkwota erba' arkeologi barranin, Boldetti, Kaufman, Armellini u Maruċċhi, li għamlu riferenza fil-kitbiet tagħhom għall-katakombijiet ewlenin insara tal-gżejjer Maltin. Ħadd minnhom, iżda, ma jinkludi lil *Għar Gerduf*. Barra minn hekk, A.A.Caruana jgħid ċar u tond li minħabba l-għamla tiegħu u l-bogħod li hemm mir-Rabat, *Għar Gerduf* ma seta' qatt kien katakombi nisrani.

Din l-asserzjoni kienet il-bidu ta' polemika li għadha sejra sallum. Xi mitejn u ħamsin sena ilu, meta dan *Għar Gerduf* kien għadu f'kundizzjoni aħjar milli hu illum, kien hemm tassew min isejjaħlu 'katakombi'. Aktarx, imma, b'mod metaforiku għax mhux minnu li tassew kien hekk. Agius de Soldanis jgħid dan l-għar għamla biss kellu ta' katakombi, għax barra li kien 'l fuq mill-art u mhux taħt l-art kellu biss 'xi ftit daħliet' li kienu jservu ta' 'dormitorju' u kien 'mgħammar bin-nies'. Fid-daqs tiegħu ma jidhirx li qatt kellu xi estensjoni kbira taħt l-art. Skond Mario Buhagiar, minkejja l-ħsarat li ġarrab matul is-snin, wieħed jista' jgħid li kien jikkonsisti biss f'żewġt 'ikmamar' rettangulari. Kważi ta' l-istess għamla ta' 'għar' ieħor ta' l-istess speċi f'Pantalica (jew Pentarga) qrib Siracusa. B'xorti tajba, minkejja t-terremot ta' l-1693, dan l-għar ta' Pantalica baqa' ma ġġarrafx u wieħed għadu jista' jarah sallum.

Dan l-għar ta' Pantalica kien troglottiku, jiġifieri għar, li kien iservi ta' għorfa fejn kienu jgħammru n-nies. Fi Sqallija, toponimi ta' l-istess għerq ifissru 'għerien għorof fejn jgħammru n-nies', bħalma kien dak ta' *Għar il-Kbir* f'Malta li fih sa nofs is-seklu XVII kienu jgħixu madwar 27 familja. Għerien bħalhom taħt l-art, imsejħa *għorof*, għadhom sal-lum mgħammra bin-nies fit-Tuneżija, fl-Alġerija u fil-Marokk.

## L-Etimologija ta' Gerduf

Minħabba f'hekk il-kelma, *Gerduf*, ingħatat għadd ta' definizzjonijiet u deskrizzjonijiet etimoloġiċi. Il-Prof. Aquilina jirriferi għal Preca fil-*Malta Cananea*. Skond dan il-filologu tas-seklu l-ieħor *Gerduf* ġejja mill-Ebrajk u hija magħmula minn *Ger* li tfisser 'strangier' jew '*oriundo* ta' pajjiż li mar joqgħod f'pajjiż ieħor', u *duf* li hija korruzzjoni ta' *defi* jew *defah* u li tfisser 'ħtija' jew '*infamia*.' *Għar Gerduf*, għalhekk, f'dan il-każ għandu tifsira ta' post fejn jistkennu kriminali maħrubin minn pajjiżi oħra. Patri Manwel Magri jagħti tifsira kompletament differenti. Hu tal-fehma li *Gerduf* hu nom kompost minn *Ger*, dirivattiv ta' *għar*, u *duf* li ġejja mill-istess għerq ta' *dfin*. Għalhekk, *Gerduf*, kif jispjega Mons Farrugia, tfisser 'l-għar tad-dfin'. Erin Serracino Inglott jikkwota lil Dosy u jgħid li l-isem ġej mill-Għarbi-Spanjol u jfisser 'post fejn wieħed jgħaddi ż-żmien'.

Minn stħarriġ komparativ bejn *Gerduf* tagħna u *Gerduf* u/jew ismijiet li jixbħuh f'artijiet madwarna, jidher li l-kelma *Gerduf* għandha l-għeruq tagħha fl-Isqalli antik ta' nisel Berberu. It-tifsira oriġinali tiegħu dan l-isem f'pajjiżna ntilef. Jidher, imma, li ġej minn żmien meta artna kienet maħkuma mill-Għarab. Fil-Berberu *daf* jew *duf* tfisser 'ospitalità'. Jekk *g(h)er* huwa, kif jidher li bosta jaqblu, korruzzjoni ta' *għar*, hija plawsibbli l-ipotesi li *gerduf* tfisser 'l-għar li jilqgħek' jew 'l-għar fejn wieħed isib min jilqgħu'. Fl-imgħoddi f'xi pajjiżi fil-Mediterran kellha tifsira ta' 'għerien li fihom kienet tgħix komunità misilma'.

## Għerien Troglottici

Fi Sqallija *Gerduf* saret sinonima ma' '*grotte abitate*'. Dawn oriġinalment kienu għerien troglottiċi, li fihom kienu joqogħdu nies ta' nisel Berbru (aktarx Magrebini), marbuta mal-biedja u l-kampanja. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn l-għerien kienu naturali ħafna, iżda, kienu jinqatgħu mill-blat f'xifer ta' xi sies jew ta' xi ħotba ta' art, ġeneralment 'il bogħod mill-belt, u f'kampanja fejn hemm ilma ġieri u ħamrija tajba.

F'Agrigento, li Michele Amari laqqam 'il-kapitali tal-Berberi', għad hemm għerien imsejħa ta' *Gardufa* (jew *Gardutah* peress li l-aħħar 't' ippronunzjawha 'f') fejn kienu jgħammru dawn in-nies. L-istoriċi jiddiskrivuhom bħal ambjent troglottiku, li kien jagħmel parti mir-*rabbatu* ta' Agrigento. El Idrisi jsejħilhom *G(ħ)urfa* (kif għadhom jissejħu sal-lum l-għerien fl-art got-Tuneżija) u bħal El Idrisi wkoll, il-kittieba Għarab l-oħra sa Ibn Khaldun, li kollha jsostnu li dawn il-*G(ħ)urfa* jew *Gardufa* kienu abitazzjonijiet tal-Berberi.

Wieħed minn dawn l-għerien f'Malta huwa *Għar il-Kbir* li hemm lejn nofsinhar tar-Rabat. Fl-1637 kien żaru l-Ġeżwita Athanasius Kircher u sab li fih kienet tgħix komunità sħiħa ta' Maltin li kienu jitkellmu *lingua arabica pura sine ulla Italicae linguae alteriusve mixtura, utuntur*. Skond Abela, li kiteb fuqhom xi għaxar snin wara, f'dil-komunità kienu jgħixu xi 27 familja, nies twal u b'saħħithom li kienu jgħixu bil-ħobż, il-ħalib u l-ġbejniet li kienu jagħmlu. Il-laħam ma kenux jikluh u l-bhejjem li kienu jkabbru kienu jeħduhom is-suq u bi flushom jixtru ħtiġiet oħra għalihom. Kircher jgħid li komunità bħal din kien hemm oħra f'Għawdex ukoll. Fejn kienet ma jgħidx, imma, Agius de Soldanis fl-1775 ħalla miktub li *Għar Gerduf* kien mgħammar bin-nies.

## Kappelli Medjoevali

Il-kappelli 'medjoevali' li kien hemm ħdejn *Għar Gerduf* ma jidhirx li kellhom x'jaqsmu ma' xi devozzjoni li kellu l-għar bħala 'katakombi nisrani'. Dawn kienu *succelle* jew knejjes żgħar marbuta ma' benefiċċji fl-oqsma jew fil-*feudi*, u kienu nbnew wara s-seklu XIV, jiġifieri aktar minn elf sena wara li dan l-għar suppost li serva ta' katakombi. Il-kappella tal-Lunzjata, li hija aktar minn 400 pass bogħod minn *Għar Gerduf*, kienet inbniet fl-ewwel nofs tas-seklu XIV. Fl-1347 Donna Sibilla D'Aragona waqqfet fiha *beneficium* b'titlu ta' *jus patronatus regii* u bħala l-ewwel rettur tagħha kienet għamlet lil Dun Pietro Barba. Kappella oħra kienet ta' San Girgor, li nbniet fl-1580 fil-*Ġnien ta' Għar Gerduf* stess u li magħha kien hemm ukoll ċimiteru. Kappella oħra ta' San Ġużepp kienet mibnija ftit 'il bogħod minnha. Din, iżda, kienet ġiet profanata fl-1654. Skond A. Ferris fil-ktieb tiegħu Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo (Malta 1858) kien hemm kappella oħra, dedikata lil San Ġorġ. Bħalu jgħid ukoll Rev. Dr. J. Bezzina. Dan aktarx, imma, kien żball oriġinat minn *lapsus calami* ta' xi nutar li kien jikkopja ir-rapporti ta' Visti Pastorali.

• għal paġna 30

# Għar Gerduf

• minn paġna 23

## L-Eqdem Fdal Nisrani f'Għawdex

Minkejja l-iskarsezza ta' dokumentazzjoni bikrija dwar *Għar Gerduf*, il-lista biblijografika, kif wieħed jista' jara minn dil-ġabra ta' tagħrif, tista' tkun biżżejjed twila għal min irid jagħmel il-*homework* tiegħu bil-għaqal. Mhux faċli, izda, li wieħed jgħid x'kien tassew dan l-għar u għal xiex serva tul iż-żmenijiet. Jista' jkun li Rev Dr. Joseph Bezzina għandu raġun. U għalhekk ma hemm xejn hazin li jsostni l-argument tiegħu li *Għar Gerduf* kien tassew katakombi nisrani. Hawn hafna bħalu li jixtiequ li kien hekk. Fosthom jien. Nittama li xi darba l-arkeoloġija tagħnina b'xi sejba ta' fdal nisrani aktar bikri minn dak li sab Dr. Trunp fit-Tokk. Dan il-fdal, imma, m'għandux jitfittex lejn *il-Lunżjata*, li hija kważi mil 'il bogħod minn fejn l-ewlenin insara kienu jgħammru. Imma, għandna nfittxuh f'postijiet immedjatament taħt il-ħitan tal-belt l-antika, fejn normalment il-Feniċi u r-Rumani kienu jidfnu l-mejtin tagħhom. Kif kien ta parir Mons Giuseppe Farrugia stess lil A.A.Caruana: jew *Fuq it-Tomba*, fejn fl-1870 kienet instabet diġà lapida b'ismijiet insara; jew tul *il-Vajrinġa,* mnejn tfaċċaw l-aqwa ħġieġ u fuħħar Puniku-Ruman li għandna fil-mużewijiet tagħna; u fejn San Franġisk li kien miżgħud b'ipogej Rumani. Fuq kollox, iżda, ma' xfar l-għolja tal-kastell, li bħal inħawi bhalu 'l barra miċ-*Civitas* ta' Malta, kien il-post ideali għan-*necropoli* ta' dawk l-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu. Kien preċiżament kif qal A.A. Caruana fl-1890 *beyond the line of the present fortification in the Salita del Gran Castello* li fl-1859 kienu nstabu madwar 100 qabar Ruman maqtughin fil-blat. Kieku l-iskavi komplew dak iż-zmien, kellu mnejn ma kienx ikun hemm bżonn ta' daqshekk insistenza llum fuq jekk Għar Gerduf kienx katakombi nisrani jew le.

**Nota ta' l-Editur:** Dan l-artiklu hu ġabra fil-qosor ta' materjal itwal li għandu jidher aktar 'il quddiem f'pubblikazzjoni għaliha. Minħabba n-nuqqas ta' spazju r-riferenzi kellhom jitħallew barra.